

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

1.3.2007

0023/2007

## DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

skond Regola 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Mojca Drčar Murko, Jelko Kacin, Sepp Kusstatscher, Karin Resetarits u Csaba Sándor Tabajdi

dwar l-inċendju doluż tal-crèche Slovena fi Trieste bħala attakk fuq il-minorità Slovena fl-Italja

Data ta' skadenza: 1.6.2007

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-inċendju doluż tal-crèche Slovena fi Trieste bħala attakk fuq il-minorità Slovena fl-Italja**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar id-Drittijiet tat-Tfal
  - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Ĝeneralni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 6 tat-Trattat ta' l-UE
  - wara li kkunsidra Regola 116 tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu,
- A. billi hemm indikazzjonijiet b'saħħithom illi fil-bidu ta' Frar twettaq inċendju doluż deliberat fuq l-unika crèche Slovena fi Trieste,
- B. billi dan huwa it-tielet inċendju doluż fuq skejjel Sloveni jew ‘kindergartens’ fl-Italja fl-aħħar snin,
- C. billi l-attakki huma manifestazzjoni ta' intolleranza versu l-minorità Slovena fl-Italja, u dawk responsabbi għadhom m'humiex magħrufa u għaldaqstant ma ngħatawx il-piena mistħoqqa,
1. jikkundanna dawn l-attakki ta' intolleranza kontra l-minorità Slovena fl-Italja li jmorr li kontra l-prinċipji Ewropej,
  2. jesprimi l-inkwiet tiegħu li l-politiċi, uffiċjali u l-qrati rilevanti Taljani, ma rreaġixxew b'mod adegwat għal din iż-żieda ta' intolleranza,
  3. jitlob li l-istituzzjonijiet rilevanti jagħmlu dak kollu li huwa fil-poter tagħhom sabiex isibu lil dawk li wettqu dan id-delitt sabiex dawn ikunu jistgħu jingħataw il-piena mistħoqqa,
  4. jippretendi li l-awtoritajiet Taljani jieħdu passi immedjatamente sabiex titranġa l-ħsara li saret f'dan il-bini,
  5. jitlob lill-President sabiex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien ma' l-ismijiet tal-firmatarji lill-Kummissjoni, lill-Kunsill, lill-Gvern u lill-Parlament Taljan u lill-Parlamenti ta' l-Istati Membri.